

EBA/GL/2015/03

29.07.2015

Linji Gwida

dwar skattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri skont l-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2014/59/UE

Kontenut

Linji Gwida tal-EBA dwar skattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri	3
1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar	3
Status ta' dawn il-linji gwida	3
Rekwiżiti ta' rapportar	3
2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	4
Suġġett	4
Definizzjonijiet	4
Destinatarji	5
3. Skattaturi għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri	5
3.1 Skattaturi bbażati fuq ir-riżultati tal-SREP	6
3.2 Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin taħt SREP	7
3.3 Avvenimenti sinifikanti	8
4. Implimentazzjoni	10

Linji Gwida tal-EBA dwar skattaturi għall-użu ta' miżuri ta' intervent bikri

1. Obbligi ta' konformità u ta' rapportar

Status ta' dawn il-linji gwida

1. Dan id-dokument jinkludi linji gwida maħruġin skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010¹. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz possibbli biex jikkonformaw mal-linji gwida.
2. Il-linji gwida jipprovdu l-fehma tal-EBA dwar prattiki superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti ta' rapportar

3. B'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA dwar jekk jikkonformawx jew jekk hux beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sa 29.09.2015. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti jitqiesu mill-EBA li mhumiex konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola disponibbli fuq is-sit web tal-ABE lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza 'EBA/GL/2015/03'. In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Kwalunkwe bidla fl-istat ta' konformità għandha tiġi rrapportata wkoll lill-EBA.
4. In-notifiki ser jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3).

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE, (ĠU L 331, 15.12.2010, p.12).

2. Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Suġġett

1. Skont l-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, f'sitwazzjonijiet fejn istituzzjoni tkun qed tikser jew x'aktarx li fil-futur qarib se tikser ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva 2013/36/UE, it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE jew kwalunkwe mill-Artikoli 3 sa 7, 14 sa 17, u 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, inklużi atti legali nazzjonali li jimplimentaw id-Direttiva 2013/36/UE jew l-istandards tekniċi żviluppati mill-EBA skont id-dispożizzjoni rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew id-Direttiva 2013/36/UE u approvati mill-Kummissjoni Ewropea, l-awtoritajiet kompetenti għandu jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom mill-inqas is-sett ta' miżuri ta' intervent bikri elenkati fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, mingħajr preġudizzju għas-setgħat superviżorji msemmija fl-Artikolu 104 tad-Direttiva 2013/36/UE. Skont l-Artikolu 27(4) tad-Direttiva 2014/59/UE dawn Linji Gwida jippromwovu l-applikazzjoni konsistenti tal-iskattaturi għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' dawn il-miżuri ta' intervent bikri.
2. Sabiex tiżdied il-konsistenza fil-prattiki superviżorji fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dawn l-iskattaturi, il-Linji Gwida jiċċaraw ukoll rekwiżiti li għandhom isegwu l-awtoritajiet kompetenti meta jstabbilixxu limiti relatati ma' indikaturi finanzjarji u indikaturi tar-riskji li għandhom ikunu mmonitorjati regolarment taħt ir-rieżami superviżorju u proċess ta' evalwazzjoni ("SREP") kif speċifikat fil-Linji Gwida SREP, u l-proċeduri li jsegwu fil-każ ta' ksur ta' dawn il-limiti.
3. Il-Linji Gwida ma jindirizzawx l-interazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti u l-awtoritajiet ta' rizzoluzzjoni fir-rigward ta' ksur tal-iskattaturi, li hija diġà dixxiplinata fl-Artikolu 27(2) tad-Direttiva 2014/59/UE.
4. Il-valutazzjoni ta' jekk istituzzjoni "tikser jew x'aktarx li tkun fil-futur qarib tikser" ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jew tad-Direttiva 2013/36/UE hija mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti fuq il-bażi tal-valutazzjoni komprensiva tagħhom, inkluż permezz ta' SREP kif deskritt fl-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE u speċifikat aktar fil-Linji Gwida SREP.

Definizzjonijiet

5. Id-definizzjonijiet li ġejjin japplikaw għall-finijiet ta' dawn il-Linji Gwida:
 - a. "Kundizzjonijiet għal intervent bikri" tfisser sitwazzjoni meta istituzzjoni tikser jew x'aktarx li tkun fil-futur qarib tikser ir-rekwiżiti tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, id-Direttiva 2013/36/UE, it-Titolu II tad-Direttiva 2014/65/UE jew kwalunkwe mill-Artikoli 3 sa 7, 14 sa 17, u 24, 25 u 26 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jew tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE jew nazzjonali ta' implimentazzjoni.

- b. "Miżuri ta' intervent bikri" tfisser il-miżuri ta' intervent bikri stipulati fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE.
- c. "SREP" tfisser il-proċess ta' rieżami superviżorju u proċess ta' evalwazzjoni kif definit fil-Artikolu 97 tad-Direttiva 2013/36/UE u speċifikat aktar fil-Linji Gwida SREP.
- d. "Linji Gwida SREP" tfisser il-Linji Gwida tal-EBA dwar il-proċeduri u metodoloġiji komuni għall-SREP żviluppati skont l-Artikolu 107(3) tad-Direttiva 2013/36/UE².
- e. "Valutazzjoni SREP globali", kif definita fil-Linji Gwida SREP, hija l-valutazzjoni aġġornata tal-vijabbiltà globali ta' istituzzjoni fuq il-bażi ta' valutazzjoni tal-elementi SREP.
- f. "Punteġġ SREP globali", kif definit fil-Linji Gwida SREP, huwa l-indikatur numeriku tar-riskju globali għall-vijabbiltà ta' istituzzjoni bbażata fuq il-Valutazzjoni SREP ġenerali.
- g. "Element SREP", kif definit fil-Linji Gwida SREP, huwa wieħed mill-komponenti li ġejjin tal-qafas SREP: analiżi tal-mudell tan-negozju, valutazzjoni tal-kontrolli ta' governanza interna u fl-istituzzjoni kollha, valutazzjoni tar-riskji għall-kapital, valutazzjoni tal-kapital tal-SREP, valutazzjoni tar-riskji għal-likwidità u l-finanzjament, u valutazzjoni tal-likwidità SREP.

Destinatari

- 6. Dawn il-Linji Gwida huma indirizzati lill-awtoritajiet kompetenti skont id-definizzjoni fl-Artikolu 4(2)(i) tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010.

3. Skattaturi għall-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri

- 7. Dawn il-Linji Gwida jidentifikaw l-iskattaturi li ġejjin għad-deċiżjoni tal-awtoritajiet kompetenti dwar jekk japplikawx miżuri ta' intervent bikri:
 - a. Punteġġ SREP globali u kombinamenti definiti minn qabel tal-Punteġġ SREP globali u punteġġi għal elementi SREP individwali;
 - b. tibdil jew anomaliji materjali identifikati fil-monitoraġġ tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin taħt SREP li jiżvelaw li l-kundizzjonijiet għall-intervent bikri huma sodisfatti;
 - c. avvenimenti sinifikanti li jindikaw li l-kundizzjonijiet għall-intervent bikri huma sodisfatti.

² EBA/LG/2014/13 tad-19 ta' Diċembru 2014

8. Il-ksur tal-iskattaturi identifikati f'dawn il-Linji Gwida għandu jħeġġeġ lill-awtoritajiet kompetenti (a) biex ikompli jinvestigaw is-sitwazzjoni, jekk il-kawża tal-ksur tkun għadha mhix magħrufa, u (b) filwaqt li titqies l-urġenza tas-sitwazzjoni u l-firxa tal-ksur fis-sitwazzjoni globali tal-istituzzjoni, biex jieħdu deċiżjoni dwar jekk japplikawx miżuri ta' intervent bikri.
9. Ksur tal-iskattaturi, riżultati ta' investigazzjonijiet ulterjuri assoċjati u deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri, inklużi r-raġunijiet għaliex ma tteħditx miżura, għandhom ikunu ddokumentati b'mod ċar mill-awtoritajiet kompetenti.
10. Mal-ksur tal-iskattaturi, meta tieħu deċiżjoni pożittiva biex tapplika miżura ta' intervent bikri, l-awtorità kompetenti għandha tagħżel l-iktar miżura jew miżuri ta' intervent bikri xierqa biex tagħxi b'reazzjoni proporzjonata għaċ-ċirkostanzi partikolari. Għal dan il-għan l-awtorità kompetenti għandha tqis azzjonijiet jew miżuri ta' rkupru speċifikati fil-pjan ta' rkupru li l-istituzzjoni tkun ħadet jew iddeċidiet li tieħu fil-futur immedjat.
11. Meta l-awtoritajiet kompetenti jassenjaw lil istituzzjoni Punteġġ globali SREP ta' "4" għandhom jikkunsidraw il-ġbir ta' informazzjoni għall-valutazzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tal-istituzzjoni, kif ipprovdut fl-Artikolu 27(1)(h) tad-Direttiva 2014/59/UE.

3.1 Skattaturi bbażati fuq ir-riżultati tal-SREP

12. Ir-riżultati tal-Valutazzjoni SREP globali u kombinamenti speċifiċi definiti minn qabel tar-riżultati tal-Valutazzjoni SREP globali u l-valutazzjoni ta' elementi SREP individwali, kif definit fil-Linji Gwida SREP, għandhom jitqiesu bħala skattaturi.
13. B'mod partikolari, jekk l-awtorità kompetenti, bħala riżultat tal-SREP, tassenja lil istituzzjoni l-Punteġġ SREP globali ta' "4" skont il-metodoloġija stipulata fil-Linji Gwida SREP, għandha, mingħajr dewmien żejjed, tieħu deċiżjoni dwar jekk tapplikax miżuri ta' intervent bikri.
14. Barra minn hekk, f'ċerti ċirkostanzi, l-awtorità kompetenti għandha tikkunsidra wkoll il-valutazzjoni tal-elementi SREP individwali li jirriżultaw f'punteġġ ta' "4". Dawn iċ-ċirkostanzi jistgħu jinqalgħu meta ma jkunx hemm riskju għoli għall-vijabbiltà ta' istituzzjoni u l-Punteġġ SREP globali jkun "3", iżda l-valutazzjoni tal-elementi SREP li jkopru l-oqsma speċifiċi msemmija fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE tindika li istituzzjoni tista' tissodisfa l-kundizzjonijiet għall-intervent bikri, li jirriżulta f'punteġġ ta' "4" assenjat lill-elementi SREP korrispondenti.
15. B'mod partikolari, l-awtorità kompetenti għandha tiddeċiedi dwar jekk tapplikax miżuri ta' intervent bikri meta r-riżultati tal-SREP kif imwettqa skont il-Linji Gwida SREP jieħdu l-forma tal-kombinamenti li ġejjin ta' Punteġġ SREP globali ta' "3" u "4" għal elementi SREP individwali:
 - a. il-Punteġġ SREP globali huwa "3" u l-punteġġ għall-governanza interna u kontrolli fl-istituzzjoni kollha huwa "4";
 - b. il-Punteġġ SREP globali huwa "3" u l-punteġġ għall-mudell u l-istrateġija tan-negozju huwa "4";

- c. il-Punteġġ SREP globali huwa “3” u l-punteġġ għall-adeqwatezza kapitali huwa “4”; jew,
- d. il-Punteġġ SREP globali huwa “3” u l-punteġġ għall-adeqwatezza ta’ likwidità huwa “4”.

16. Meta jiddeċiedu jekk japplikawx miżuri ta’ intervent bikri fuq il-bażi tal-punteġġi SREP ta’ hawn fuq u jagħżlu l-aktar miżura xierqa, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jindirizzaw id-għajfijiet partikolari identifikati u enfasizzati fin-narrattiva tal-Valutazzjoni SREP globali jew il-valutazzjoni ta’ element SREP partikolari.

3.2 Monitoraġġ tal-indikaturi ewlenin taħt SREP

17. Il-proċess ta’ SREP kif stipulat fil-Linji Gwida SREP jeħtieġ lill-awtoritajiet kompetenti jwettqu monitoraġġ regolari tal-indikaturi finanzjarji u mhux finanzjarji ewlenin għall-istituzzjonijiet kollha. Għall-finijiet ta’ dan il-monitoraġġ, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jidentifikaw indikaturi u jstabbilixxu limiti li huma rilevanti għall-ispeċifikitajiet tal-istituzzjonijiet individwali jew gruppi ta’ istituzzjonijiet li jkollhom karatteristiċi simili (gruppi ta’ pari).
18. Meta jidentifikaw limiti għall-indikaturi relatati mar-rekwiżiti prudenzjali, kif stipulat fir-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jikkunsidraw kemm ir-rekwiżiti minimi kif ukoll ir-rekwiżiti addizzjonali, jiġifieri rekwiżiti minimi ta’ fondi proprji kif speċifikati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 u rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji applikati skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE mingħajr ma jitqies kwalunkwe rekwiżit ta’ riżerva stipulat fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE; jew rekwiżiti minimi tal-likwidità kif speċifikati fil-Parti Sitta tar-Regolament (UE) 575/2013 u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/61³, kif ukoll rekwiżiti addizzjonali ta’ likwidità applikati skont l-Artikolu 105 tad-Direttiva 2013/36/UE.
19. Meta l-awtoritajiet kompetenti, għall-finijiet tal-monitoraġġ ta’ indikaturi ewlenin, jistabbilixxu livelli minimi għal indikaturi ta’ adegwatezza tal-kapital f’livell ta’ 1.5 punti perċentwali fakultattivi ‘l fuq mir-rekwiżiti ta’ fondi proprji ta’ istituzzjoni kif imsemmija fl-Artikolu 27(1) tad-Direttiva 2014/59/UE, jew xi limiti oħra, għandhom jikkunsidraw kemm ir-rekwiżiti ta’ fondi proprji, kif speċifikati fl-Artikolu 92 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, kif ukoll ir-rekwiżiti addizzjonali ta’ fondi proprji stabbiliti skont l-Artikolu 104(1)(a) tad-Direttiva 2013/36/UE kif speċifikati fil-Linji Gwida SREP, mingħajr ma jitqies kwalunkwe rekwiżit ta’ riżerva stabbilit fil-Kapitolu 4 tat-Titolu VII tad-Direttiva 2013/36/UE.
20. L-identifikazzjoni ta’ bidliet materjali jew anomaliji fl-indikaturi, inkluż ksur ta’ limiti, għandha tiġi kkunsidrata mill-awtorità kompetenti bħala sinjal li hemm bżonn aktar investigazzjoni, u, fejn rilevanti, għandhom jirrevedu l-valutazzjoni tal-element SREP rilevanti fid-dawl tal-informazzjoni għdida. Speċifikament, l-awtorità kompetenti għandha:

³ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/61 tal-10 ta’ Ottubru 2014, ĠU L11, 17.01.2015, p.1

- 1) tiddetermina l-kawża u tagħmel valutazzjoni tal-materjalità tal-impatt prudenzjali potenzjali fuq istituzzjoni, fejn rilevanti, tidħol fi djalogu mal-istituzzjoni;
 - 2) tiddokumenta l-kawża/i u r-risultati tal-valutazzjoni (sabiex jiġi żgurat li l-proċeduri SREP ikunu segwiti mill-membri kollha tal-persunal tal-awtorità kompetenti u sabiex jinżamm rekord tar-risultati tal-investigazzjonijiet preċedenti); u
 - 3) tirrevedi l-valutazzjoni tar-riskju u l-punteġġ SREP, fejn rilevanti, fid-dawl ta' kwalunkwe sejbiet materjali ġodda skont ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida SREP.
21. Fejn il-kundizzjoni finanzjarja u l-prospett tar-riskju ta' istituzzjoni u l-punteġġ SREP għal element partikolari jiddeterjoraw b'mod sinifikatni u jaffettwaw wieħed mill-iskattaturi fuq il-bażi tal-Punteġġ SREP globali u punteġġi għal elementi SREP individwali (jiġifieri l-kundizzjonijiet deskritti fil-paragrafi 14-15 ikunu sodisfatti), l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu deċiżjoni dwar jekk japplikawx miżuri ta' intervent bikri.
22. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 21, f'ċerti ċirkostanzi bidliet materjali jew anomaliji fl-indikaturi jistgħu jintużaw direttament bħala skattaturi għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri. B'mod partikolari, skont il-materjalità tal-bidliet jew anomaliji fl-indikaturi, il-kawżi tagħhom u l-materjalità tal-impatt prudenzjali potenzjali fuq l-istituzzjoni, u sakemm l-istituzzjoni tissodisfa kundizzjonijiet ta' intervent bikri, l-awtorità kompetenti, fl-interess ta' żmien, tista' tiddeċiedi li tapplika miżuri ta' intervent bikri immedjatament mad-determinazzjoni tal-kawża u l-impatt globali mingħajr ma taġġorna l-valutazzjoni tal-element SREP rispettiv. Il-valutazzjoni tal-element SREP rispettiv u l-Valutazzjoni SREP globali għandhom madankollu jiġu aġġornati sussegwentement mingħajr dewmien bla bżonn.

3.3 Avvenimenti sinifikanti

23. Ċerti avvenimenti jista' jkollhom impatt sinifikanti fuq il-kundizzjonijiet finanzjarji ta' istituzzjoni, li jqiegħduha f'sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet ta' intervent bikri jintlaħqu relattivament malajr.
24. Ġeneralment, avvenimenti bħal dawn għandhom iħeġġu investigazzjonijiet ulterjuri ta' żona affettwata. B'mod partikolari, eżempji ta' avvenimenti sinifikanti li jistgħu jqiegħdu lil istituzzjoni f'sitwazzjoni fejn il-kundizzjonijiet għall-intervent bikri huma sodisfatti jistgħu jinkludu:
- a. avvenimenti ewlenin ta' riskju operazzjonali (eż. kummerċ diżonest, frodi, diżastru naturali, problemi serji tal-IT, multi sinifikanti imposti fuq l-istituzzjonijiet mill-awtoritajiet pubbliċi);
 - b. deterjorament sinifikanti fl-ammont ta' obligazzjonijiet eliġibbli u fondi proprji miżmumin minn istituzzjoni għall-finijiet li jintlaħqu r-rekwiżiti minimi għal fondi proprji u obligazzjonijiet eliġibbli (MREL);

- c. sinjali tal-bżonn li tiġi riveduta l-kwalità tal-assi u/jew tiġi mwettqa valutazzjoni indipendenti ta' portafolli/assi speċifiċi, pereżempju:
- i. riżultati tal-valutazzjoni ta' elementi SREP, li jissuġġerixxu li hemm tħassib li l-assi jistgħu jkunu inqas mill-obbligazzjonijiet;
 - ii. paragrafu ta' osservazzjoni⁴ imqiegħed f'opinjonijiet ta' awditur estern fuq id-dikjarazzjoni finanzjarja tal-istituzzjoni, li jindika inċertezza materjali;
 - iii. avvenimenti sfavorevoli li jsejtnu bejn it-tmiem tal-perjodu ta' rappurtar u d-data meta d-dikjarazzjoni finanzjarja tkun awtorizzata għall-ħruġ, li jipprovdu evidenza ta' kundizzjonijiet li nqalgħu wara l-perjodu tar-rappurtar u għalhekk ma jeħtiġux l-aġġustament/dikjarazzjoni mill-ġdid tad-dikjarazzjonijiet finanzjarji (avvenimenti li ma jeħtiġux aġġustament); għal kull kategorija materjali ta' avvenimenti li ma jeħtiġux aġġustament l-istituzzjoni għandha tiżvela n-natura tal-avveniment u tistma l-effett finanzjarju tagħha, jew tagħmel dikjarazzjoni li tgħid li stima bħal din ma tistax issir);
 - iv. aġġustamenti perpetwi u materjali fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji tal-istituzzjoni minħabba żbalji fil-valutazzjoni ta' assi/obbligazzjonijiet u bidliet frekwenti fis-suppożizzjonijiet tal-kontabilità.
- d. ħruġ sinifikanti ta' fondi, inkluż depożiti bl-imnut ta' klijenti, ikkawżati, pereżempju mill-ħsara għar-reputazzjoni tal-istituzzjoni;
- e. telf mhux mistenni tal-maniġment superjuri jew tal-persunal prinċipali, li ma ġewx sostitwiti;
- f. membru wieħed jew aktar minn wieħed tal-korp maniġerjali ma jikkonformax mar-rekwiżiti regolatorji speċifikati fid-Direttiva 2013/36/UE biex isir jew jibqa' membru tal-korp maniġerjali;
- g. twaqqiġ sinifikanti fil-klassifikazzjoni minn aġenzija ta' klassifikazzjoni esterna waħda jew aktar minn waħda, li potenzjalment iwassal għal ħruġ sostanzjali ta' fondi, nuqqas

⁴ Paragrafu ta' osservazzjoni huwa tip ta' paragrafu, jew taqsimha ta' opinjonijiet esterni ta' awditur dwar dikjarazzjonijiet finanzjarji li jiżied biex jiġbed l-attenzjoni tal-utenti għal kwistjonijiet li hija ppreżentata jew żvelata b'mod xieraq fid-dikjarazzjonijiet finanzjarji, iżda li hija tant importanti li hija fundamentali biex l-utenti jifhemu d-dikjarazzjonijiet finanzjarji (pereżempju informazzjoni dwar inċertezza relatata mal-eżitu futur ta' litigazzjoni eċċezzjonali jew azzjoni regolatorja; katastrofi maġġuri li kellha, jew għad għandha, effett sinifikanti fuq il-pożizzjoni finanzjarja tal-entità). Il-paragrafu ta' osservazzjoni ma jikkwalifikax l-opinjonijiet tal-awditur; għalhekk dan ma jfissirx li d-dikjarazzjonijiet finanzjarji ma jippreżentawx stampa vera u ġusta tal-pożizzjoni finanzjarja.

ta' abbiltà li jiġġeddu l-fondi jew l-attivazzjoni ta' pattijiet kuntrattwali relatati ma' klassifikazzjonijiet esterni.

25. Meta ssir taf dwar l-okkorrenza ta' avveniment sinifikanti, l-awtorità kompetenti għandha tidentifika l-kawża tiegħu, tivvaluta l-impatt prudenzjali potenzjali tiegħu fuq l-istituzzjoni, fejn rilevanti, billi tidħol fid-djalogu mal-istituzzjoni, u tiddokumenta l-valutazzjoni tagħha.
26. L-awtorità kompetenti għandha taġġorna l-valutazzjoni tar-riskju u punteġġ tal-element SREP rispettiv fid-dawl ta' kwalunkwe sejba materjali ġdida skont ir-rekwiżiti tal-Linji Gwida SREP. Fejn, bħala riżultat tal-analiżi aġġornata, il-Punteġġ SREP globali jew kombinazzjoni tat-punteġġ SREP ġenerali u punteġġi għall-elementi SREP jiddeterjora u jkollu impatt fuq wieħed mill-iskattaturi bbażati fuq ir-riżultati tal-SREP, meta l-kundizzjonijiet speċifikati fil-paragrafi 14-15 jiġu sodisfatti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu deċiżjoni dwar il-ħtieġa li jittieħdu miżuri ta' intervent bikri.
27. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 26, f'ċerti ċirkostanzi avvenimenti sinifikanti jistgħu jintużaw direttament bħala skattaturi għad-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' miżuri ta' intervent bikri. B'mod partikolari, skont id-daqs tal-avveniment sinifikanti u skont il-materjalità tal-impatt prudenzjali potenzjali fuq l-istituzzjoni u sakemm l-istituzzjoni tissodisfa l-kundizzjonijiet ta' intervent bikri, l-awtoritajiet kompetenti, fl-interess ta' żmien, jistgħu jiddeċiedu li japplikaw miżuri ta' intervent bikri immedjatament meta jiddeterminaw il-kawża u l-impatt globali mingħajr l-aġġornament tal-valutazzjoni tal-element SREP rispettiv. Il-valutazzjoni tal-element SREP rispettiv u l-Valutazzjoni SREP globali għandhom madankollu jiġu aġġornati sussegwentement mingħajr dewmien bla bżonn.
28. Il-fatt li awtorità ta' riżoluzzjoni tibda proċess ta' konsultazzjoni ma' awtorità kompetenti filwaqt li tiddetermina jekk istituzzjoni tkunx qed "tfalli jew x'aktarx li tfalli" għandu jiġi kkunsidrat mill-awtorità kompetenti bħala avveniment sinifikanti li jwassal għall-valutazzjoni ta' jekk il-miżuri ta' intervent bikri għandhomx ikunu applikati lejn l-istituzzjoni sabiex iżommu jew jirrestawraw il-vijabbiltà tagħha u jimpedixxu li tfalli. Sitwazzjoni bħal din tista' sseħħ meta l-awtorità tar-riżoluzzjoni tingħata s-setgħa li tiddetermina li istituzzjoni tkun qed "tfalli jew x'aktarx li tfalli" skont l-Artikolu 32 tad-Direttiva 2014/59/UE.

4. Implimentazzjoni

29. Dawn il-Linji Gwida japplikaw mill-1 ta' Jannar 2016.